MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 26/2003/1

**Dr Andrew Borg Cardona bhala stralcjarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Priceclub Operators Limited**

**v.**

**Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-intimati kollha, Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino minn sentenza moghtija

mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-12 ta’ Ottubru 2007 li laqghet t-talba tal-attur noe u ddecidiet li l-intimati kienu personalment responsabbili ta’ kummerc hazin a termini tal-Artikolu 316 tal-Kap 386. Bl-ispejjez kontra l-intimati solidalment.

Din il-Qorti qed tannetti ma’ din is-sentenza kopja tas-sentenza tal-ewwel Qorti ghall-ahjar intendiment ta’ dan l-appell u dan peress illi din fiha t-talba fis-shih tar-rikorrent, ir-risposti tal-intimati, sunt tal-fatti, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wassluha biex laqghet it-talba tar-rikorrent. (Annex Dok. A).

Din il-kawza nstemghet flimkien mal-kawzi 24/03, 25/03, 27/03.

Appellaw minn din is-sentenza l-intimati kollha b’aggravji simili ghal dawk imressqa fir-rikors 27/03.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-mertu ta’ din il-kawza huwa simili ghall-mertu tar-rikors 27/03 fl-istess ismijiet, deciz illum stess. F’dik il-kawza din il-Qorti ddecidiet li l-intimati kienu personalment responsabbili ta’ kummerc bi frodi a termini tal-Artikolu 315 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan ir-rikors invece jikkoncerna talba ghal dikjarazzjoni li l-intimati huma hatja ta’ kummerc hazin a tenur tal-Artikolu 316 tal-Kap. 386.

In vista ta’ dak li gie deciz illum fil-kawza 27/03 fejn l-intimati gew misjuba responsabbili ta’ kummerc bi frodi, proprjament il-mertu ta’ din il-kawza huwa ezawrit stante li *il piu` comprende il meno* u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu tenuti responsabbli wkoll personalment ta’ kummerc hazin fit-termini tal-ligi.

Din il-Qorti ftit li xejn ghandha x’izzid ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti, billi gie stabbilit mill-provi f’din il-kawza li anke skond l-espert prodott mill-istess intimati, f’Gunju 1999 l-intimati kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li l-kumpanija kienet insolventi u ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita x-xoljiment taghha

minhabba insolvenza, billi huma ma kienux lesti li jgibu finanzjament gdid, anzi l-intimati mhux biss ma naqqsux it-telf li kienet qed taghmel il-kumpanija, imma komplew ikabbruh bi flus tal-fornituri u b'hekk joperaw bi pregudizzju tal-kredituri, u komplew izidu dejn meta kienu jafu li ma kienx hemm possibilita` li huma jhallsu dak id-dejn.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha tal-intimati appellanti billi hija tal-fehma li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti solidament bejniehom.

Peress illi l-intimati diga` nstabu responsabbli ta' kummerc bi frodi u tnehhiet ir-responsabbilita` limitata taghhom, mhux il-kaz li din il-Qorti taghmel xi ordni ta' pagament skond l-Artikolu 316 tal-Kap. 386.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, Rikors Numru 26/03, fl-ismijiet **Dr. Andrew Borg Cardona noe v. Victor Zammit et** deciza fit-12 ta' Ottubru 2007, qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed tigi mmarkata bhala Dokument A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------